**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Spridione Zammit)**

**-vs-**

**Maria Dolores Spiteri**

Kumpilazzjoni Nru. 101/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Dolores Spiteri, li:

1. Fis-17 ta' Jannar 2014 ghall-habta tat-8:15pm waqt li kienet fil-Facilita Korretiva ta' Kordin, li jinsab fi Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid, ikkommettiet serq ta' pilloli liema serq hu ikkwalifikat bil-hin, lok u bil-persuna, ghad-detrriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, ghal xi vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilha minhabba l-kariga jew impjieg taghha jew serqet l-istess oggetti li huma propjeta` tal-Gvern ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi iffalsifikat cedula, jew document illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u ghamlet uzu minn l-istess document.

4. U aktar talli fl-istess cirkustanzi biex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita` pubblika xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tigi applikata l-Interdizzjoni Generali tal-imsemmija Maria Dolores Spiteri ai termini tal-Artikolu 127 tal-Kap.9, ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a) Fl-artikoli 261(d)(e)(f), 268, 269(f), 270 u 281(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 167, 168 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 31, 141, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda sejba ta' pilloli fuq il-persuna ta' Maria Dolores Spiteri, li kienet isservi bhala nurse gewwa il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dawn il-pilloli kienu jikkonsistu f'75 pillola "Ponstan", 14 il-pillola "Ceforixine" tal-250 mg u 14 il-pillola "Clarem" tal-250 mg u instabu hekk kif l-imputata kienet hierga mill-habs wara li spiccat mix-xoghol. Jirrizulta li t-tfittxija saret <u>fejn il-Gate House</u> u ghaldaqstant fil-paramteri tal-habs.

---

[1] Fol.124

Quddiem il-Magistrat Inkwirenti WCO5 Joan Muscat tirrakonta kif nhar is-17 ta' Jannar 2014 kien cempilha is-*supervisor* taghha, Stephen Zammit, li kien ta ordni sabiex tinzel il-Gate House u taghmel tfittxijiet fuq infermiera li kienu hiergin mill-Habs wara li spiccaw mix-xoghol. Hi rat lill-imputata b'envelope f'idha li fih instabu numru ta' pilloli. L-imputata qaltilha li kienu ghaliha ghax kienet ma tiflahx. Stephen Zammit jghid li hu kien ta dik l-ordni peress li kellu suspett li dakinhar kienu ser jinhargu xi affarijiet minn gewwa l-habs. *Il-Qorti hi ferm preokkupata dwar dak li seta' nibbet is-suspett u ghalhekk ser tkun kawta ferm fil-kummenti taghha*, partikolarment tenut kont li, kif jirrizulta mill-atti proceswali, l-imputata qatt ma ppruvat tahbi li hadet xi medicini.

Fil-fatt Zammit jixhed li kien gie infurmat minn CO95 Roderick Mifsud li kien jaf illi n-nurse Spiteri kellha tiehu xi medicinali. Mifsud kien ikkjarifika li kien jaf li l-imputata kienet ser tiehu xi pilloli izda mhux dik i-kwantita` li nstabu fuqa. Zammit jispjega li sa fejn kien jaf hu, in-<u>nurses ghandhom access liberu ghall-medicinali</u> li jinzammu f'*cabinets* u l-procedura hi li jiehdu l-pilloli minghand l-ispizjar u jiffirmaw ghalihom pero mhux ghat-tqassim taghhom.[2] Dan jghid li CO95 huwa l-persuna l-aktar idonea li twiegeb ghad-domandi dwar it-tqassim tal-pilloli fil-habs, izda meta mitkellem mill-Magistrat Inkwirenti CO95 kull ma jidher li kien jaf hu li hemm xi ktieb li fih jinzammu records tat-tehid tal-pilloli pero' ma kienx jaf kif ezattament kienet il-procedura - *"Naf li hemm ktieb li fih jinzammu records tat-tehid tal-pilloli pero` kif ezattament hija procedura, jiena ma nafx."*[3]

Illi pero` jirrizulta kjarament mix-xhieda ta' Mifsud li diversi medicinali kienu jinzammu go unit li kienet tkun imsakkra b'cavetta li kien hemm kopja wahda taghha u li kienet tinzamm fi Treatment Room izda li "*k<u>ull nurse ghandu access ghaliha</u>*."[4] Jistqar li l-imputata, li xi jiem qabel kienet ma tiflahx, f'xi hin wara nofsinhar tad-17 ta' Jannar, 2014, kienet qaltlu li kienet ser tiehu xi medicina, pero ma kientx qaltlu kemm jew x'tip u lanqas ghall-liema skop, u hu kien qalilha *"OK"*[5]. Hu ftakar li kienet qaltlu li ser tiehu ftit Clacid u ftit Zynnat pero mhux l-ammont.

L-imputata xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn stqarret li nhar is-17 ta' Jannar 2014 hassitha ma tiflahx. Peress li suxxettibli ghal *chest infections* kienet staqsiet lit-tabib kuranti taghha, Dr Stephen Spiteri,

---

[2] Fol.14
[3] Fol.15-16
[4] Fol.15
[5] Fol.16

x'setghet tiehu sabiex tilqa ghar-rih li kienet qed tbati minnu. Hu kien ppreskrivilha Klacid, Ponstan u Zinnat (CSH-fol.20). Hi tixhed li staqsiet lis-Sur Roderick ghall-envelope naqra kbir *"u staqsieni ghaliex u ghidtlu li kont ser niehu kaxxa Klacid, kaxxa Zinnat u naqra Pontan. Qalli ok, poggejthom go envelope, ghalaqtu u ktibt l-isdem Doris Spiteri quddiem u poggejtu fuq l-iskrivanija fejn inkunu bilqeghda hemmhekk."*[6] Spiteri tghid li hekk kif sabet lill-ufficjala taghmel is-searches, *"jiena qbadt l-envelope u ghidtilha li kelli l-medicini u li kont behsiebni nibdiha filghaxija ghax kont ma niflahx."*. Tkompli tghid li ghamlet hekk ghax dak iz-zmien kienet qed tahdem hafna, kien gej il-*weekend* u ma xtaqietx tirtira minghajr medicina.[7] Izzid li hi hasset li ma ghamlet xejn hazin ghaliex kienet avzat lill-ufficjal tal-Medical Infirmary, Mifsud, qabel ma ittiehdet il-medicina. Meta regghet giet mitkellma mill-Magistrat Inkwirenti, Spiteri tammetti li ir-ricetta gabarha zewgha u li kienet hi li ziedet l-ammont tal-pilloli rspettivi. <u>Kienet iddecidiet hi x'pilloli ghandha tiehu u ghal kemm tul ta' zmien kellha tibqa tohodhom</u>. Tikkonferma li kellmet lit-tabib nhar is-17 ta' Jannar, 2014, izda din kellmitu dwar zewgha. *"Jiena lbierah lit-tabib ma ghidtlux li kont ma niflahx. Il-medici li jien hadt mill-habs ilbierah hadthom minn raja u bla ricetta. Jien bghat lir-ragel ghar-ricetta biex inkun nista' nixtri it-tieni kaxxa tal-Klacid…jien lit-tabib dalghodu fuq it-telephone ghidtlu li kelli bzonn ricotta ghall-Kalcid, Zinnat u Ponstan ghaliex a kontx niflah….Nixtieq nghid ukoll illi fuq ir-ricetta hemm indikat id-data 17 ta' Jannar 2014 u nghid illi fil-fatt kont jien li t-tabib ghidtlu biex jaghmel <u>id-data tal-bierah</u> peress li kont bdejt il-kors tal-medicini lbierah."*[8]

Fl-istqarrija taghha lill-Ispettur Zammit, SZ2 fol.27, l-imputata tghid li kienet hi li tahthom il-pilloli hekk kif kienet hierga mill-habs u mhux sabuhomla. Tghid li *"Jiena nbati hafna minn chest infections u ghandi ir-ragel boarded out u jiena l-bread winner tal-familja u ghandhi hafna spejjez ghall-pilloli li jiehu hu u jien".* Fi kliema *"L-istore tal-pills qied fejn ikun l-unika spizjar li hemm fil-habs jismu Adrian Vella u hemm ukoll pills fl-MI Room fejn inkun jien."*[9] Spiteri tghid li peress li kienet ser tkun qed tahdem tul il-weekend izda wara li accertat ruha li mhux ser jinqabdu minghajr pilloli, hi kienet marret ghand l-ufficjal tal-Medical Infirmary, Roderick Mifsud, ghal xi l-4pm u qaltlu li kienet ser tiehu il-pilloli Klacid, Ponstan u Zinnat u talbitu

---

[6] Fol.18

[7] L-imputata tammetti li *"Qaluli biex nitla mal-ufficjali quddiem is-Sur Zammit u saqsieni x'inhuma u ghedtlu li ma niflahx u li l-pharmacies ikunu maghluqin u li hadt dawn biex ninqeda u qalli 'ma tafx li ma tistax tiehu pilloli? Jekk tghid lili ma kontx ser nghidlek tiehux."*[7]

[8] Fol.24

[9] Fol.28

envelope kbir. Mifsud taha envelope li kien quddiemu. Hi halliet l-envelope max-xalla taghha li kienet fuq desk ghax hi ma kelliex handbag. Meta mwaqqfa fil-Gate House hi kienet infurmat lil WCO 5 li Roderick Mifsud kien jaf li hadet il-pilloli. Spiteri tammetti li ghalkemm lil CO95 Roderick Mifsud kienet qaltlu biex itiha envelope biex tpoggi xi pilloli halli tehodhom maghha, ma kienitx qaltlu li ser tohodhom maghha id-dar, *"Il-kelma mill-Habs ghal barra m'ghidtiex."*[10] CO95 Roderick Mifsud jerga jikkonferma li imputata kienet talbitu envelope *"Talbitni envelope, talbitni l-envelope biss….Le qaltli ha niehu ftit Klassid u ftit Zinnat isem ta' medicina…Qaltli ha niehu ftit Klassid u ftit Zinnat….qaltli ha nehodhom biss".*[11] SZ8 turi li l-ammont tal-pilloli mehuda kien ta' **disa ewro u sitta u tletin centezmu (€9 .36)**. Dwar l-istess xehed l-Ispizjar Adrian vella, fol.85-87 li esebixxa dokumentazzjoni 78-81.

Illi l-Carrara jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio** dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro."*[12] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel esposizzjoni dettalji ta' dak li ighidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u il-Professur Mamo:

*"Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

Il-Crivellari imbaghad ighid:
*"l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare."*

Ghalhekk maghdud dana kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz mhumiex imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq. It-tehid jew 'l-hekk

---

[10] Fol.35

[11] Fol.89

[12] Vide Criminal Appeal The Police vs Mario Tanti 09.12.1944

imsejjah *contrectatio* ma jirrizultax peress li l-pilloli gja kienu fil-pussess taghha; l-access ghall-fejn kienu jinzammu il-medicini kien inghata lill-infermiera kollha. Dana it-tehid qed isir minghajr il-kunsens tas-sid in kwantu biss ghall-uzu li l-imputata qed taghmel minnu. Mifsud jixhed li n-nurses ghandhom access ghal pilloli billi dawn ikunu "*under lock and key*" u jifthu huma.[13] . Hi tammetti ukoll li: "*Fil-Habs inqassam il-pilloli, fi hdud u l-festi nippreparahom jien il-pilloli tal-habsin u nkun l-MI room il clinic mat-tobba u nqassam il-pills fid-divisions.*"[14]

Ghaldaqstant billi l-elementi essenzjali li isawwru l-akkuza ta' serq addebitata lill-imputata ma jirrizultawx ippruvati, l-Qorti ghalhekk qed tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputata qed tigi akkuzata wkoll bir-reat hekk imsejjah 'peculato' jew embezzlement. It-tieni imputazzjoni tidher li ngahtat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni. L-element essenzjali ghal dan ir-reat hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Illi ser issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju 2012[15], fejn il-Qorti rriteniet:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-uffiċjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et.**:[16]

---

[13] Fol.90
[14] Fol.28
[15] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Magistrat Dr Edwina Grima
[16] 13.03.1998, App. Krim

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Jidher ghalhekk illi l-mens rea fil-kummissjoni ta' dan irreat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-*Casual Contract of Employment* bejn l-imputata u Medicare Services Ltd. a fol. 143. Ghaldaqstant dan ir-reat ma jirrizultax peress li l-imputata ma setghet qatt titqies ufficjal jew impjegat pubbliku kif jistipula l-artikolu citat fit-tieni imputazzjoni tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Illi ghalkemm l-Qorti tqis li jirrizulta ampjament ir-reat ta' approprijazzjoni indebita previst bl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, kif gie deciz mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter** (07/12/2001), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Kwindi l-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota."[17] Il-Qorti hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar. Ghalhekk l-imputata qed tigi liberata mit-tieni imputazzjoni.

## It-Tielet Imputazzjoni

---

[17] **App. Krim**. "I-Pulizija vs. Peter Borg **[10.11.2005], "Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim.** "Il-Pulizija vs. omissis u Carmelo Agius**" [24.5.2002],** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et" **[23.11.2001]** "Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et" **[20.3.2003],** "Il-Pulizija vs. Michael Carter**" 7.12.2001] u ohrajn.)** Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet". Vide wkoll "Il-Pulizija vs Joseph Cauchi" **[07.02.2013]; -** Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: "Il-Pulizija vs. Joseph Saliba" **[20.10.2010]**

Fi stqarrija ohra moghtija fis-27 ta' Jannar 2014 l-imputata tammetti li talbet lit-Tabib Spiteri ghar-ricetta sabiex tikkonvinci lis-Sur Simon (id-direttur tal-Facilita` Korretiva ta' Kordin) li kien minnu li kellha bzonn il-pilloli ghax kienet ma tiflahx.[18] Tkompli li *"Fejn hemm quantity ktibt in-numru 2, fejn Zinnad kien hem 1 diga u fejn ponstan li kienu miktubin 2-2-2 ghamilt x 12 days. Jien ktibt hekk biex inkun naf kemm ghandi niehu pilloli".*[19]- Fil-fatt it-tabib Stephen Spiteri jikkonferma li r-ricetta inharget minnu fit-18 ta' Jannar 2014 f'xi il-11:00am waqt li kien fil clinic tieghu gewwa Kalkara Pharmacy izda li *"2 miktub fil-kaxxa quantity hdejn il-medicinali Kalcid u lanqas in-numru 1 fil-kaxxa quantity hdejn il-pillola Zinnat m'hija miktuba minni"*[20].

Illi r-ricetta CSH mahruga mit-tabib Spiteri kienet intiza sabiex l-imputata tigbor medicini b'xejn peress li kienet intitolata ghalihom bhala impjegata fil-Health Services. Jispecifika izda li dan setghet taghmlu biss fl-ambitu tas-sistema u cioe` minn Spizerija inkluza dik tal-Gvern, minn Policlinic jew mil-Isptar. Mhemmx dubbju li hekk kif tali document jigi prezentat fil-parametri tas-sistema ta' sahha mhaddna f'pajjizna wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, u cioe' il-medicinali hekk preskritti.

Izda din il-Qorti hija marbuta ma' l-artikoli tal-ligi indikati lilha mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju, madanakollu dawn iridu jinqraw fid-dawl ta' l-akkuzi kif imposti fil-konfront ta'l-imputat. Issa l-akkuza numru 3 kif imposta mil-Pulizija Ezekuttiva taghmel riferenza ghall-"l-istess cirkustanzi" liema cirkustanzi (i) fl-ewwel lok jirreferu ghall-imputat bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li kif inghad ma jirrizultax, anzi l-provi juru l-kuntrarju, u (ii) fit-tieni lok jindikaw id-data tas-17 ta' Jannar 2014. Madanakollu mill-provi johrog car li r-ricetta inharget minn Dr Stephen Spiteri nhar it-18 ta' Jannar 2014.[21]

Ghaldaqstant l-imputata ma tistax tinstab hatja fuq it-tielet imputazzjoni indikata fin-nota ghar-rinviju tal-Avukat Generali u qed tilliberaha minnha.

**Ir-Raba Imputazzjoni**

---

[18] Fo.34
[19] Fol.35
[20] Fol.22
[21] Fol 24, 114, 117 et seq.

Din il-Qorti ser taghmel riferenza ghal dak li gie ritenut f'diversi sentenzi[22] moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

"**Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "*non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies.***

---

[22] Referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Glen Debattista [11.09.2012]**
*"….L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jghid:*
*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606).

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jghid l-awtur Ingliz Kenny:*
*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'* (Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II p.161).

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi ghad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jinghad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document.*" (Professur Mamo Anthony op.cit. p.161)

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny johrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*
*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. …..As we have said…. the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered."* Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.".

***Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg ...***"

Illi fuq skorta tas-sentenzi succitati hawnhekk allura jista' jirrizulta r-reat tal-falsifikazzjoni a tenur ta' l-artikolu tal-falz materjali kif ravvizat fl-artikolu 183, 184 u 185 tal-Kapitolu 9, izda l-artiklu ndikat fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali hu dak tal-falz ideologiku kif ravvisat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9. Iktar minn hekk l-ufficjal prosekutur jabbina din l-akkuza mal-"istess cirkustanzi" u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet gja maghmula dwar l-imputazzjoni precedenti, japplikaw fir-rigward ta' din l-imputazzjoni wkoll.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lil-imputata mill-akkuzi mijuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.

Finalment il-Qorti tordna r-rilaxx favur l-imputata tad-dokumenti t'identita` esebiti fl-atti ta' dan il-procediment.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**